MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Numru 340/2004

**Avviz numru 340/04 DM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Ali Hachem u Dolores Sammut, u Carmelo Mamo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u hames liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm3,305.64) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Ali Hachem u Dolores Sammut mal-'Bank of Valletta p.l.c.' (Dok 'A1' sa 'A5') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April, 2004, sal-jum tal-pagament effettiv, liema 'Loan Account' gie moghti lill-konvenuti permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Dicembru, 2000 in atti tan-Nutar Dottor Maurcie Gambin (Dok 'B').

U dana peress illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe' dak datat 1 ta' Dicembru, 2000, in atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin (Dok 'B'), il-konvenut Carmelo Mamo iggarantixxa flimkien u in solidum ma' Ali Hachem u Dolores Sammut ghaf-favur tal-'Bank of Valletta p.l.c.' id-debiti ta' l-istess Ali Hachem u Dolores Sammut mal-'Bank of Valletta p.l.c.'

U peress illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokument 'B' anness mal-kuntratt datat 1 ta' Dicembru, 2000, in atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin (Dok 'B'), imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Ali Hachem u Dolores Sammut (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi dokument 'B' anness mall-kuntratt fuq imsemmi, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 13 t'April, 2004, (Dok. 'C' u 'D') u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew pprezentati kontestwalment mall-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti ;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw t-talba attrici ;

Rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lill-PL Joseph Zammit illi kkonferma illi l-konvenuti ddekadew mill-beneficcji lilhom moghti ghall-hlas u illi l-ammont dovut lill-bank attur huwa dak indikat fl-avviz.

Ghaldaqstant ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna l-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-bank attur is-somma mitluba ta' tlett elef, tlett mija u hames liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm3,305.64) , bl-imghax legali ulterjuri fuq din is-somma mill-1 t' April,  2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------